MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 103/2004

**Maltacom p.l.c C22334**

**vs**

**Central Asphalt Limited C23652**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-19 ta' Jannar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u wiehed u tletin lira Maltija u sebgha centezmi (Lm231.07) dovuti lis-socjeta attrici in konnesjoni ma hsarat minnhom ikkagunati lil proprjeta' ta' l-istess mittenti waqt xoghlijiet f'San Pawl Tat-Targa L/O Naxxar fis-sebgha u ghoxrin ta' Settembru 2001 skond invoice mibghut lilhom bin-numru 9397, kopja anness ma' l-avviz u market Dok. A;**

**Illi il-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**
**Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra ufficjali, u bl-imghaxijiet legali.**
**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-20 ta' Ottubru, 2004 fejn intqal illi t-talba attrici qed tigi kontestata peress:**
**i. illi s-socjeta' esponenti m'ghandiex tinzamm responsabbli ghal hsara allegata;**
**ii. fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa wiehed ezagerat;**
**iii. salv eccezjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Victor Busuttil, Dr. Ingrid Zammit Young u Joseph Vella.**

**Ikkunsidra:**
**1. Skond Victor Busuttil, senior technical officer tas-socjeta attrici, fit-tnejn u ghoxrin ta' Awissu 2001, rceva applikazzjoni minghand is-socjeta' konvenuta dwar xoghol li kienu ser jaghmlu f'diversi toroq f'San Pawl tat-targa u jikkonferma illi kien baghat nies biex jimmarkawlu fejn hemm cables ghaddejjin. L-istess xhud jghid li fis-sebgha u ghoxrin ta' Settembru 2001 is-socjeta' konvenuta ghamlet hsara fil-cable fi triq Newman. L-istess xhud jghid illi is-socjeta' konvenuta ma kelliex permess biex tahdem f'dik it-triq. In sostenn ta' dan, ix-xhud esebixxa d-Dok. C li huwa kopja tal-permess mir-roads department, u d-Dok. D li huwa site plan li jindika bil-kulur it-toroq fejn setghet tahdem is-socjeta' konvenuta.**
**2. Joseph Vella, direttur tas-socjeta' konvenuta muri id-Dok. D fuq msemmi u mistoqsi jekk hadimx f'dik it-triq wiegeb illi s-socjeta' konvenuta ma hadmitx fi Triq Newman, u li huma hadmu biss fejn kellhom il-permessi.**
**3. it-Tribunal jqies illi hemm versjonijiet totalment konfliggenti. Huwa d-dmir ta' min qed jallega illi jipprova. Ghandu jipprova mhux biss, f'dan il-kaz, illi saru attwalment danni, izda ghandu jipprova ukoll illi dawk id-danni saru tassew mill-persuna li qed tigi**

**indikata. Fic-cirkostanzi t-Tribunal jqies illi il-provi migjuba kienu nsufficjenti u fuqhom it-Tribunal ma jistax jasal biex jistabilixxi Illi kien hemm xi htija da parti tas-socjeta' konvenuta kif allegat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------